MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 405/2005

**Wara l-ittra ufficjali datata 18 ta' April 2005 indirizzata lil Carmel Deguara detentur tal-karta tal-identita' 18352(M).**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni.**

**vs**

**Carmel Deguara.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Carmel Deguara *ai termini* ta' l-**artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta** datat 28 ta' April 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 18 ta' April 2005 il-Kummissarju tat-

Taxxi Interni qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ hamest elef erba’ mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm5,468) rapprezentanti taxxa fuq dhul jew taxxa provizorja ghas-snin 1987, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994, 1995, 1996 u 1997;

Illi l-esponenti qed bil-presenti joggezzjona ghat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta’ l-ammont imsemmi, *stante* li dan l-ammont ma hux dovut, peress illi l-esponenti dejjem hallas dak rikjest minnu skond il-ligi tat-taxxa fuq id-dhul, u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenza ma’ l-imsemmi Dipartiment;

Illi *inoltre* l-ammont reklamat huwa fi kwalunkwe kaz preskritt *ai termini* ta’ l-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni riportata fl-ittra ufficjali datata 18 ta’ April 2005, u dan ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-8 ta’ Gunju 2005.

Rat ir-riposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 22 ta’ Gunju 2005 a fol. 7 tal-process fejn espona:-

Illi huwa sar jaf b’din il-kawza peress illi gie notifikat bid-digriet tas-smigh taghha, izda mhux bil-kontenut tar-rikors tar-rikorrent Deguara.

Illi pero` l-esponent huwa f’pozizzjoni li jikkonferma li l-ammonti kollha huma dovuti u *inoltre* r-rikorrenti naqas milli jibghat il-prospett tat-taxxi ghal numru ta’ snin.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta’ Gunju 2005 u tal-21 ta’ Ottubru 2005

fejn il-kawza giet differita ghall-10 ta’ Jannar 2006 ghall-prezentata ta’ l-affidavit tal-Kummissarju dwar il-pretensjoni tieghu.

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 18 ta’ Jannar 2006 a fol. 10 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Ludgardo Mercieca (Dok “LM”).

Rat ir-**risposta ulterjuri** tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 20 ta’ Jannar 2006 a fol. 14 ta’ tal-process fejn eccepixxa: -

Illi l-ammont dovut mir-rikorrent Deguara qieghed jintalab mill-esponent *ai termini* ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (**Kap 372**) u specifikament l-**artikoli 38 u 40** ta’ l-istess Att.

Illi ghas-sena ta’ stima 1987 ir-rikorrent Deguara naqas milli jhallas it-taxxa dovuta skond l-istima ta’ taxxa mahduma fuq il-prospett mibghut minnu stess, filwaqt li ghas-snin 1989 sa 1997 huwa lanqas biss ma baghat il-prospett tat-taxxa, u ghalhekk inhariglu stima fuq prospett mhux mibghut. Billi huwa ma oggezzjona ghal ebda wahda minn dawn l-istimi, dawn saru finali u konkluzivi *ai termini* ta’ l-**artikolu 38 tal-Kap 372.**

Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni, din ma tapplikax *stante* dak li jipprovdi l-**artikolu 47 (4) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 2 ta’ Frar 2006 a fol. 16 tal-process li biha esebixxa kopja tal-prospetti tat-taxxa mahruga fir-rigward ta’ Carmelo Deguara u li gew immarkati minn Dok “LM 1” sa Dok “LM 3”; u nota ohra datata 6 ta’ Mejju 2006 (a fol. 29B) li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Ludgardo Mercieca (Dok “LM”).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta tad-19 ta’ Jannar 2006; u tat-2 ta’ Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Gatt ghar-rikorrenti Deguara prezenti. Dr. Gatt informa lill-Qorti

li rcieva affidavit prezentat minn Dr. Herbert Theuma. Il-Qorti nnotat li minkejja dan u minkejja l-verbal tad-19 ta' Jannar 2006 tali affidavit ma jinsabx fil-process u ordnat li tali affidavit jigi nserit minnufih fil-process u ssir komunika ta' dan il-verbal lir-Registratur tal-Qorti. F'dan l-istadju dahal Dr. Hubert Theuma li gie nformat b' dan kollu. Dr. Hubert Theuma specifika li l-procedura li kellha tintuza mhix dik taht l-**artikolu 466(2) tal-Kap 12** izda dik taht l-**artikolu 38 tal-Kap 372**. Dr. Gatt ha notament ta' l-istess. Inghata digriet ta' l-affidavit lir-rikorrenti b' terminu ta' tletin (30) jum. Dr. Gatt iddikjara li bhala provi kien baqghalu biss lir-rikorrenti. Il-kawza giet differita ghal-finali trattazzjoni ghat-22 ta' Gunju 2006; u tat-22 ta' Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Ludgardo Mercieca ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ir-rikorrenti u d-difensur tieghu ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dehret Dr. Marvic Sciberras Abdilla. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Carmel Deguara datat 25 ta' Lulju 2006 a fol. 34 tal-process fejn huwa talab lill-Qorti joghgobha terga' tirriappunta r-rikors ghas-smigh; rat id-digriet moghti fl-4 ta' Lulju 2006 kif jidher a fol. 64 tal-process; in-nota ta' Carmel Deguara annessa mar-rikors li gie pprezentat fil-25 ta' Lulju 2006 (fol. 35) li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess; in-nota ta' Carmel Deguara datata 12 ta' Lulju 2006 (fol. 65), u d-digiriet datat 13 ta' Lulju 2006 fejn din il-kawza giet riappuntata ghas-smigh ghas-16 ta' Jannar 2007, b'dan li giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' x-xhieda ndikati fl-istess digriet b'seduti li kellhom isiru sa l-ahhar ta' Dicembru 2006, u wara l-istess data l-provi gew ddikjarati maghluqa.

Rat in-nota ta' Carmel Deguara datata 12 ta' Lulju 2006 a fol. 72 tal-process li permezz taghha esebixxa l-ahhar rendikont mibghut lilu minn l-intimat Kummissarju tal-Taxxi Interni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda quddiemha prodotta u bid-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 28 ta’ Awissu 2007 a fol. 86 tal-process.

Rat in-nota ta’ Carmel Deguara datata 11 ta’ Settembru 2007 a fol. 89 tal-process li biha pprezenta kopja ta’ sentenza fl-ismijiet **“Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana”** (A.I.C (PS) -10 ta’ Jannar 2007).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-16 ta’ Jannar 2007; tat-18 ta’ April 2007; tal-20 ta’ Gunju 2007; u tal-20 ta’ Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Hubert Theuma ghall-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Interni u Ludgardo Mercieca ghall-istess. Dr. Theuma tratta l-kaz. Dr. Edward Gatt imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghat-28 ta’ Frar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha prezentati u d-digrieti relatati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi r-rikorrenti Carmel Deguara pprezenta rikors skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 466 (2) tal-Kap 12** wara li rcieva ittra ufficjali datata 18 ta’ April 2005 minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex ihallas l-ammont ta’ Lm5,468 (€12,737.01) rappresentanti taxxa tad-dhul jew taxxa provizzorja ghas-snin ta’ stima 1987, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994, 1995, 1996 u 1997;

Illi fit-18 ta’ April 2005 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni baghat ittra ufficjali lil Carmel Deguara li permezz taghha talbu l-hlas tas-somma ta’ hamest elef erba’ mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm5,468) [€12,737.01] rapprezentanti

taxxa fuq dhul jew taxxa provvizorja ghas-snin 1987, 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994, 1995, 1996 u 1997 (Dok. “LM 5” a fol. 86 tal-process) u dan skond il-procedura stabbilita fl-artikolu 466 (1) tal-Kap 12.

Illi fir-rikors odjern maghmul taht dak li jipprovdi l-artikolu 466 (1) tal-Kap 12 r-rikorrent Carmel Deguara qed jikkontesta t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fejn qed isostni li l-ammont mitlub mhux dovut ghaliex huwa dejjem hallas dak mitlub minnu u b’hekk m’hemm l-ebda pendenza mad-dipartiment u wkoll li l-ammont reklamat huwa preskritt *ai termini* tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti baghat id-dikjarazzjoni tat-taxxa tad-dhul biss ghas-snin ta’ stima 1987 u 1988, fil-waqt li ghas-snin 1989 sa 1997 dan ma sarx minnu u ghalhekk huwa gie ntaxxat a bazi ta’ prospett mhux mibghut bi stima li tinhareg mill-Kummissarju tat-Taxxi. Jirrizulta li r-rikorrenti Carmel Deguara ma oggezzjona ghal ebda wahda minn dawn l-istimi, u b’hekk dawn saru finali u konkluzivi skond dak provdut fl-**artikolu 38 tal-Kap. 372.**

Illi mid-dokumenti ezebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirrizulta li ghar-rigward tas-sena stima 1987 il-kont hareg fl-1 ta’ Marzu 1991 (a fol 18 tal-process) u fil-fatt l-ammont mitlub ghall-istess sena huwa dak mahdum fuq il-prospett tieghu (Dok. “LM1”); ghall-kumplament tas-snin mertu tal-procedura odjerna stima 1989 saret stima fl-1 ta’ Dicembru 1997 bhala prospett mhux mibghut (a fol 26 tal-process) u fl-istess data nhareg il-kont ghas-sena stima 1990 (a fol. 26 tal-process). Illi ghall-kumplament tas-snin l-ohra l-kont hareg fil-5 ta’ Lulju 1999 (a fol. 19 sa 25 tal-process) u mis-sena 1989 sas-sena 1997 dawn il-kontijiet hargu bhala prospett mhux mibghut.

Illi dwar il-kont mahrug ghas-sena stima 1987 jidher li dan sar abbazi tal-prospett maghmul mir-rikorrenti stess u ma hemm ebda prova li dan thallas, tant li dak li jirrizulta mill-atti processwali huwa biss li r-rikorrent esebixxa r-*return* ghas-sena stima 1987 (a fol. 40) u kopja tal-*acknowledgment* ta’ tali prospett (a fol.42), u Ludgardo

Mercieca, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kkonferma li d-dipartiment kien fil-fatt ircieva tali prospett. Dwar dan, l-istess rikorrenti kien assessjat b'kont mahrug fl-1 ta' Marzu 1991.

Illi ghal dak li jirrizwarda s-snin l-ohra mertu ta' din il-procedura jirrizulta li r-rikorrenti ma gab ebda prova li huwa pprezenta xi oggezzjoni ghall-istess stimi maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 372 (artikolu 28) u dan kemm ghall-istima li saret fl-1 ta' Dicembru 1997 ghal dik li hija snin ta' stima 1989 u 1990 u kemm ghall-istimi li saru fil-5 ta' Lulju 1999 ghas-snin ta' stimi minn 1990 sa 1997. Illi b'hekk l-istess stimi saru finali u konkluzivi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 38 tal-Kap 372.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li sar xi hlas ta' l-istess ammonti mitluba hlief ghas-somma ta' Lm72 (€167.71) bhala PAYE skond id-dokumenti esebiti bhala Dok. "CD 3" relattivi ghas-sena 1989, izda la darba ma saret ebda oggezzjoni ghall-istima li harget ghall-istess sena skond kont mahrug fl-1 ta' Dicembru 1997 (fol. 26A), tali stima saret skond l-artikolu 38 finali, u b'hekk l-ammont hemm indikat baqa' dovut mill-istess rikorrenti.

Illi dwar il-prospett ghas-sena ta' stima 1995 (Dok. "CD 6" fol.49 tal-process) sena bazi 1994 ma hemm ebda prova li dan effettivament intbaghat lid-dipartiment koncernat; fil-kuntest tad-Dok. "CD5" (a fol.48) dawn fil-fatt jikkonsistu f'ricevuti ghall-hlas ta' *social security contributions* ghas-sena 1991 u mhux ghall-hlas ghal taxxa kif sostna r-rikorrent u d-dokumenti l-ohra esebiti bl-ebda mod ma jipprovaw dak allegat mill-istess rikorrenti fir-rikors tieghu dwar il-hlas tat-taxxa dovuta minnu, liema taxxa hija dik indikata fl-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u esebiti fil-process u ndikati f'din is-sentenza. Jigi rilevat ukoll li fl-affidavit tieghu Carmel Deguara ddikjara li jaqbel li l-kont rigwardanti s-sena 1991 huwa dovut minnu.

Illi fit-tieni lok ir-rikorrenti Carmel Deguara eccepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372** tal-Ligijiet ta' Malta u in sostenn ta' dan huwa esebixxa kopja

ta’ sentenza fl-ismijiet **“Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana”** (A.I.C. (PS) – 10 ta’ Jannar 2007 - App Civ Nru: 266/05/PS) fejn ma gietx applikata d-disposizzjoni tal-**artikolu 47 (4) tal-Kap 372**

Illi l-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372** jipprovdi :-

*“Salv kif xort’ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b’mod partikolari d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 30 (5) u ta’ l-artikolu 31 (7), l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, l-imghax jew xi penali tista’ tinbeda f’kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva”.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ghas-snin 1989 u 1990, la darba ma kien hemm ebda oggezzjoni ghalihom mir-rikorrenti l-istimi saru finali fid-data li nhargu u cjoe’ fl-1 ta’ Dicembru 1997, fil-waqt ghas-snin l-ohra kollha mertu ta’ din il-procedura minn 1991 san-1997 id-data meta nhareg il-kont kienet dik tal-5 ta’ Lulju 1999, u allura la darba l-ittra ufficjali kontra r-rikorrenti odjern saret fit-18 ta’ April 2005, jirrizulta li ma hemm ebda preskrizzjoni skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372** ghas-snin 1989 sal-1997 peress li ma ghaddewx it-8 snin hemm indikati mid-data meta l-kont sar finali sad-data meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali datata 18 ta’ April 2005. Min-naha l-ohra l-azzjoni ghas-sena 1987 hija preskritta peress li l-kont dwar l-istess inhareg fl-1991.

Illi dwar l-applikazzjoni tal-**artikolu (4) tal-Kap 372** ghall-istess sena tan-1987 jinghad li l-istess jipprovdi li:-

*“Meta l-azzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta’ Dicembru,2003 jew qabel dik id-data, ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta’ dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, mghax jew penali tista’ tittiehed sal-31 ta’ Dicembru, 2005”.*

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li ghandhom japplikaw il-principji ndikati fis-sentenza citata **"Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Jannar 1997 fejn fost affarijiet ohra nghad li:-

*"F'dan il-kumpless kollu tal-principji affermati tad-dritt u wkoll fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti din il-Qorti tara li f'dan il-kaz partikolari, u l-Qorti taghmel debita enfasi fuq dan, ma kellux ikollu applikabbilta' d-dispost tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 47 izda pjuttost dak tas-subinciz (2) ta' l-istess artikolu. Ghalkemm certament il-Qorti tapprezza li l-ingranagg amministrattiv ta' dipartimenti kbar, bhal ma hu dak tat-Taxxi Interni, mhux dejjem jahdem b'mod imghaggel, min-naha l-ohra hi tal-ferma konvinzjoni illi fi stat ta' dritt il-legislazzjoni ma ghandhiex issir biex, temporanjament, tkopri d-deficjenzi li jkunu jezistu u biex, bhal f'dan il-kaz, tinnewtralizza 'quanto fosse posto in essere a norma di legge' (kollezz. Vol XXIV. P11 p16), daqskemm biex tittutela ahjar r-relazzjonijiet tal-partijiet involuti. Minn dak li rrizultalha, ma jistax ragjonevolment zgur jinghad illi l-aggunta fil-ligi bl-Att ta' l-2004 hi, f'dan il-kaz, predisposta u voluta fl-interess ta' l-appellanti taxpayer imma ghall-harsien rigidu u esklussiv tal-fisco………"*

Illi ghalhekk minhabba dak deciz din il-Qorti thoss li l-uniku applikazzjoni ta' din is-sentenza ghall-kaz in kwistjoni hija rigwardanti l-kont ghas-sena stima 1987 u f'dan il-kuntest jinghad li peress li ma jidhirx li kien hemm ebda ostakolu ghad-dipartiment sabiex jagixxi fit-terminu ndikat fl-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372** sabiex jiehu azzjoni ghall-istess sena**,** u allura jirrizulta li qabel ma giet ipprezentata l-ittra ufficjali tal-2005, kieku ma dahlitx l-emenda ndikata, l-azzjoni tal-intimat kontra r-rikorrenti odjern ghas-sena 1987 kienet gja preskritta, ghalhekk fuq l-iskorta tas-sentenza citata din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz u ghas-sena 1987 l-istess **artikolu 47 (4) tal-Kap 372** ma ghandux ikun applikabbli.

Illi ghalhekk l-ammont dovut mir-rikorrenti huwa dak ta' Lm5437 (Lm5,468 - Lm31 = Lm5,437) [€12,664.80 €12,737.01 - €72.21 = €12,664.80] huma dovuti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi tichad it-talba tar-rikorrenti** b'dan li tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni riportata fl-ittra ufficjali datata 18 ta' April 2005 hija veljanti fl-ammont ta' tnax-il elf sitt mija u erbgha u sittin Ewro u tmenin centezmu (€12,664.80) [Lm5,437] ammont li huwa dovut mir-rikorrenti Carmel Deguara lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala taxxa fuq id-dhul jew taxxa provissorja ghas-snin 1989, 1990, 1991, 1992, 1993, 1994, 1995, 1996, u 1997 kollox kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------